**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 782/2017 AF**

**Giovanna Testa**

**Stephen Testa**

**Raymond Testa**

**Frederick Testa**

**u**

**Joseph Testa**

**vs**

**Champalin Company Limited (C-2049)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Giovanna Testa, Stephen Testa, Raymond Testa, Frederick Testa u Joseph Testa, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, intalbet din il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, previa kull

dikjarazzjoni u provvediment opportun, tawtorizzahom jghaddu ghall-ezekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames (5) snin mid-data tal-istess kuntratt u stante li l-bilanc ta' hmistax-il elf Liri Maltin (Lm15,000) ekwivalenti ghal erba' u tletin elf, disa' mija u erbghin Ewro u disgha u hamsin centemzu (€34,940.59) u l-imghaxijiet kif miftehma fl-istess kuntratt ghadhom mhumiex saldati.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata.

Rat id-digriet precedenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Champalin Company Limited li permezz taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra hija opponiet ghat-talba tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi prodotti illi, fuq kuntratt ta' trasferiment ta' proprjetà pubblikat fis-sena 2000, is-socjetà intimata intrabtet li thallas il-bilanc ta' Lm15,000 fi zmien sena. Jirrizulta li dan il-bilanc baqa' ma thallasx. Is-socjetà intimata permezz ta' Charles Cassar tammetti li dan l-ammont baqa' dovut, u tghid li baqa' ma thallasx ghaliex ghad hemm problemi dwar il-proprjetà nnifisha u l-pretensjonijiet ta' terzi fuqha.

L-Art. 258 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"Wara –*
>
> *(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew*

*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*

*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li tghallem illi f'materja ta' titoli ezekuttiv, il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-mertu, izda ghandha taccerta ruhha biss mill-ezistenza o meno tat-titolu ezekuttiv. (ara f'dan is-sens Borg et vs Farrugia [22 ta' Gunju 2011], HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et [18 ta' April 2002] u Select Properties Limited vs Pickless Limited [18 ta' Mejju 2015]).

Fil-kaz in ezami, it-titolu ezekuttiv tassew jezisti u baqa' inkontestat u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif maghmula fir-rikors tat-28 ta' Awwissu 2017.

L-ispejjez jithallsu minn Champalin Company Limited.

IMHALLEF

DEP/REG